



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2020
(OR. fr)

10614/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0077 (NLE)**

ACP 85
WTO 168
COAFR 244
RELEX 622

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra dwar l-adozzjoni tal-lista ta' arbitri

ABBOZZ TA'

DEĊIŻJONI Nru .../2020 TAL-KUMITAT tal-FSE
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim
bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa,
u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

ta' ...

dwar l-adozzjoni tal-lista ta' arbitri

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat f'Abidjan fis-26 ta' Novembru 2008 u applikat fuq bażi provviżorja mit-3 ta' Settembru 2016, u b'mod partikolari l-Artikolu 64(1) tiegħu,

Billi:

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") jipprevedi li l-Kumitat tal-FSE għandu jistabbilixxi lista ta' ħmistax-il persuna li huma disposti u kapaċi jkunu arbitri għar-risoluzzjoni tat-tilwim li jista' jinqala' bejn il-Partijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-lista ta' ħmistax-il persuna li huma disposti u kapaċi jkunu arbitri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-lista ta' arbitri") hija b'dan stabbilita f'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-Ftehim u tinstab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. Il-lista ta' arbitri hija stabbilita mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola speċifika stabbilita fil-Ftehim jew li għandha tiġi adottata mill-Kumitat tal-FSE.

Artikolu 2

Il-lista ta' arbitri tista' tiġi modifikata b'deċiżjoni mill-Kumitat tal-FSE adottata f'konformità mal-Artikolu 67 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-iffirmar tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju

Għall-Unjoni Ewropea

ANNEX

Lista ta' arbitri (Artikolu 64(1) tal-Ftehim)

Arbitri magħżula min-naħa tal-Kosta tal-Avorju:

Is-Sur Abbe YAO – il-Kosta tal-Avorju

Is-Sur Abdouramane OUATTARA – il-Kosta tal-Avorju

Is-Sur M. Joachim BILE AKA – il-Kosta tal-Avorju

Is-Sur Narcisse AKA – il-Kosta tal-Avorju

Is-Sur Karim FADIKA – il-Kosta tal-Avorju

Arbitri magħżula min-naħa tal-Unjoni Ewropea:

Is-Sur Claus EHLERMANN – il-Ġermanja

Is-Sur Giorgio SACERDOTI – l-Italja

Is-Sur Jacques BOURGEOIS – il-Belġju

Is-Sur Pieter Jan KUIJPER – in-Netherlands

Is-Sinjura Hélène RUIZ FABRI – Franza

Arbitri magħżula b'mod konġunt miż-żewġ naħat:

Is-Sur Martial AKAKPO – it-Togo

Is-Sinjura Anna KOUYATE – il-Mali

Is-Sur Thomas COTTIER – l-Iżvizzera

Is-Sinjura Merit E. JANOW – l-Istati Uniti

Is-Sur Helge SELAND – in-Norveġja
